KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE

L-Eżami ta' Nofs is-Sena 2018

| Il-Raba' Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
# Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.

2. Aqra l-iskript bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.  L-iskript aqrah darbtejn, kwarta kull darba.

## IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

***(Wara 5 minuti)***

***Issa se naqralkom silta qasira jisimha*** **'Is-Seqer u l-Ġarra tal-Ilma'.** ***Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet fuqha. Is-silta u l-mistoqsijiet se jinqraw darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara terġgħu tisimgħu s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.***

***Waqt li qed tisimgħu s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***

***Is-silta se tinqara issa.***

Darba waħda seqer kbir għamel nofs ta' nhar jittajjar u jitħabat fl-għelieqi. Kienet xemx tiżreġ u kien hemm kullimkien niexef qoxqox. Wara dak it-taħbit kollu u dik is-sħana, l-imsejken għasfur qabdu l-għatx.

Beda jfittex biex isib ftit ilma, iżda qalb dik in-nixfa kollha mkien ma kienet tidher qatra ilma. Biex tagħqad, aktar ma beda jittajjar, aktar beda jaqbdu għatx.

Sar nofsinhar, il-qilla tax-xemx kienet fl-aqwa tagħha u s-seqer issa kien wasal biex jaqta' qalbu għal kollox, meta fil-bogħod lemaħ ġarra tal-ilma. Tar għal ħdejha bit-tama li jaqta' l-għatx li kellu. Malli wasal, waqaf fuq ix-xifer tal-ġarra u hekk kif ħares `l isfel ra li kien fiha ftit ilma. Dak il-ħin ħa r-ruħ, imma sfortunatament kienet ferħa bla temma għax malli daħħal rasu biex jixrob, ma setax jilħaq l-ilma. Tawwal għonqu kemm seta', iżda kien kollu għalxejn!

Ħares madwaru biex jara jekk jilmaħx xi ilma x'imkien ieħor iżda kien kollu għalxejn.  Ma kellux għażla oħra, jew jirnexxilu jixrob minn dik il-ġarra jew imut bil-għatx.

Qagħad jaħseb u jara kif kellu jagħmel biex jixrob minn dik il-ġarra u wara ħafna taħbil il-moħħ, ġieh f'rasu x'għandu jagħmel.  B'munqaru qabad ġebla u xeħitha, reġa' qabad oħra u xeħitha ukoll.  B'hekk ma' kull ġebla li beda jitfa', l-ilma beda tiela' `l fuq sa ma tela' `l fuq biżżejjed biex is-seqer laħqu u xorob xarba ilma tajba.

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet fuqha. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tkomplu taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralkom Taħriġ A. Immarkaw it-tweġiba t-tajba billi tagħmlu sinjal fil-kaxxa t-tajba.***

***In-numru wieħed***

Din is-silta hi dwar qattus. ***Veru jew falz?***

***In-numru tnejn***

L-għasfur li jissemma f'din is-silta huwa pappagall. ***Veru jew falz?***

***In-numru tlieta***

L-għasfur kien ser imut bil-għatx. ***Veru jew falz?***

***In-numru erbgħa***

L-għasfur għadda nofs ta'nhar jittajjar fil-foresta. ***Veru jew falz?***

***In-numru ħamsa***

L-għasfur ra ġarra tal-inbid. ***Veru jew falz?***

***In-numru sitta***

Il-ġarra kien fiha biss ftit ilma. ***Veru jew falz?***

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.*

*Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.*

*In-numru wieħed*

L-għasfur kien qed jittajjar qalb:

a) l-għelieqi.

b) is-siġar.

ċ) il-ġungla.

*In-numru tnejn*

Ix-xemx kienet:

a) moħbija wara s-sħab.

b) qawwija ħafna.

ċ) ser tinżel dalwaqt

*In-numru tlieta*

Malli lemaħ il-ġarra, l-għasfur tar:

a) għal fuq siġra.

b) għal fuq ix-xifer tagħha.

ċ) fis-sema.

### *In-numru erbgħa*

L-għasfur daħħal rasu fil-ġarra biex:

a) jara x'kien fiha.

b) biex jistaħba.

ċ) biex jipprova jixrob.

### *In-numru ħamsa*

L-għasfur ħares madwaru biex jara:

a) jilmaħx xi ilma x'imkien ieħor.

b) kienx ġej xi ħadd.

ċ) jekk isibx xi ħaġa x'jiekol.

### *In-numru sitta*

L-għasfur beda jaqbad il-ġebel:

a) b'saqajh.

b) bil-ġwienaħ.

ċ) b'munqaru.

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.*

*Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.*

*In-numru wieħed*

Is-seqer kien qed ______________________ biex isib ______________________ ilma.

*In-numru tnejn*

Sa ______________ il-qilla tax- ____________ kienet fl-aqwa tagħha.

*In-numru tlieta*

Sa fl-aħħar għasfur laħaq l-ilma u ______________________ ______________________ ilma tajba.

*Issa wasalna għall-aħħar taħriġ, it-Taħriġ D.*

*Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.*

*In-numru wieħed*

Fis-silta nisimgħu l-għasfur kien wasal biex **jaqta' qalbu għal kollox**.

Din l-espressjoni tfisser li hu kien wasal biex:

a) iħossu ħażin.

b) jitlef it-tama kollha.

ċ) jaqbdu ħafna dwejjaq.

*In-numru tnejn*

Fis-silta nisimgħu li meta l-għasfur ħares fil-ġarra, hu **ħa ferħa bla temma**.

Din l-espressjoni tfisser li hu:

a) beda jifraħ ħafna.

b) feraħ għalxejn.

ċ) ma feraħ xejn.

***Issa se terġgħu tisimgħu s-silta u wara l-mistoqsijiet, tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

** * **

***Wara li jinstemgħu s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba, agħti ħames minuti lit-tfal biex tara li jkunu lestew it-tweġibiet tagħhom. Fl-aħħar tista' tgħid:***

***Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.***